

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-21 ta' Awwissu 2018 – AS vs Deutsches Patent- und Markenamt

(Kawża C-541/18)

(2018/C 436/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AS

Konvenut: Deutsches Patent- und Markenamt

Domanda preliminari

Sinjal ikollu karattru distintiv meta jkun hemm possibbiltajiet sinjifikattivi fil-prattika u plawżibbli li dan jintuża sabiex jindika l-orijini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, anki jekk dan ma jkunx l-iktar użu probabbli tas-sinjal ⁽¹⁾?

⁽¹⁾ Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata) (ĠU 2008, L 299, p. 25).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upper Tribunal (ir-Renju Unit) fl-20 ta' Awwissu 2018 – HM Revenue & Customs vs HD

(Kawża C-544/18)

(2018/C 436/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Upper Tribunal

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: HM Revenue & Customs

Konvenuta: HD

Domanda preliminari

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li tali persuna, li tiegħa taħdem għal rasha minħabba l-limitazzjonijiet fiżiċi fl-istadji avvanzati tat-tqala u fiż-żmien ta' wara t-twelid, iżżomm l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu, fis-sens ta' dan l-artikolu, bil-kundizzjoni li terġa' tidda ttwettaq attività ekonomika jew tftitx impjeg f'terminu raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Saarländisches Oberlandesgericht (il-Ġermanja) fit-23 ta' Awwissu 2018 – BGL BNP Paribas SA vs TeamBank AG Nürnberg

(Kawża C-548/18)

(2018/C 436/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Saarländisches Oberlandesgericht